MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## SILVIO MELI

Seduta tat-2 ta' Dicembru, 2014

Citazzjoni Numru. 1746/1996/1

**Vincent Curmi bhala amministratur tal-eredita` tal-Markiz John Scicluna u in rappresentanza tal-eredi mhux maghruf tal-istess, Mignon Marshall, l-istess Vincent Curmi bhala prokuratur ta' Corinne Ramsay, l-istess Mignon Marshall, u Corinne Ramsay fil-kwalita` taghhom ta' ususfruttwarji tal-fuq imsemmija eredita`**

**vs**

**B. Tagliaferro & Sons Limited, Francis u Maria konjugi Zammit f'isimhom proprju u ghan-nom ta' Framar Estates u Emmanuel Attard, u b'digriet tat- 2 t' Ottubru, 2002, l-Avukat Dr Victor Scerri u l-Prokuratur Legali Paul Saliba gew nominati Kuraturi Deputati sabiex jkomplu l-kawza minflok il-mejjet Emanuel Attard**

**u b'digriet tat-3 t'April, 2008, il-gudizzju gie trasfuz f'isem Gerald Zammit u Maria Galea Testaferrata Zammit kemm f'isimha proprju kif ukoll ghan-nom ta' bintha l-minuri Julia Zammit sabiex tkompli il-kawza minflok Frances Xavier Zammit li miet fil-mori tal-kawza**

Il-Qorti,

1.0. Rat ic-citazzjoni datata t-23 ta' Mejju, 1996, li permezz taghha l-atturi fuq indikati sintetikament esponew is-segwenti:

1.1 Illi l-attur *nomine* hu sid tal-mahzen numru 1, *Bridge Wharf*, il-Marsa li hu mikri lil *Primrose Products Limited*;

1.2. Illi l-mahzen fuq indikat hu sottopost ghall-mahzen numru 3 proprjeta` tas-socjeta` konvenuta *B. Tagliaferro & Sons Limited* u ta' Francis u Maria konjugi Zammit *proprio et nomine* liema mahzen jinsab mikri lill-konvenut Emanuel Attard;

1.3. Illi l-mahzen numru 3 fuq indikat iggarraf fil-21 ta' Frar, 1996, bil-mahzen numru 1 sitwat tahtu jigi distrutt kompletament;

1.4. Illi mahzen numru 3 fuq riferit, kien qieghed jitghabba b'mod manifestament eccessiv;

1.5. Illi fl-20 ta' Mejju, 1994, il-konvenut Attard kien interpellat ufficjalment mis-socjeta` *Primrose Poultry Products Limited* biex inehhi l-merkanzija tieghu *stante* li l-piz eccessiv kien qieghed jipperikola s-soqfa;

1.6. Illi s-sidien tal-imhazen fuq indikati kellhom l-obligu jassiguraw li l-istess fond ma jkunx ta` periklu ghal terzi u li jintuza b'mod ragonevoli;

1.7. Illi l-incident fuq riferit sehh minhabba traskuragni, negligenza u htija tal-konvenuti;

1.8. Illi ghalhekk aderew din il-qorti biex il-konvenuti jghidu ghaliex din il-qorti m'ghandiex:

1.8.1. Issib lill-konvenuti, jew min minnhom responsabbli ghall-incident tal-21 ta' Frar, 1996, fuq riferit;

1.8.2. Issib lill-konvenuti, jew min minnhom responsabbli ghad-danni sofferti mill-atturi *nomine et*;

1.8.3. Tillikwida d-danni sofferti mill-atturi *nomine et* rizultat ta' dan l-incident, okkorrendo bl-assistenza ta' perit nominandi;

1.8.4. Tordna lill-konvenuti, jew min minnhom, ihallsu lill-atturi *nomine et* is-somma hekk likwidata bl-imghax sad-data tal-pagament effettiv;

1.8.5. Bl-ispejjez kif dedotti fic-citazzjoni promotrici kontra l-konvenuti;

2. Rat id-dikjarazzjoni guramentata annessa mal-istess citazzjoni skont il-ligi li tikkonferma s-suespost, (ara foll 3);

3.0. Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti *B. Tagliaferro & Sons Limited* u ta' Francis u Maria konjugi Zammit *proprio et nomine* datata t-8 ta' Novembru, 1996, li permezz taghha sintetikament eccepew is-segwenti:

3.1. Illi t-talba attrici hi infondata;

3.2. Illi l-eccipjenti odjerni m'humiex responsabbli ghall-incident tal-21 ta' Frar, 1996, u ghad-danni reklamati;

3.3. Salv eccezzjonijiet ohra;

4.0. Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-istess annessa mac-citazzjoni *de quo* li permezz taghha ddikjaraw sintetikament is-segwenti:

4.1. Illi l-eccipjenti odjerni huma s-sidien;

4.2. Illi huma krew il-mahzen *de quo* lil Emanuel Attard;

4.3. Illi s-socjeta` *Primrose Poultry Products Limited* qatt m'attivat l-attenzjoni taghhom ghall-istat tal-fondi;

4.4. Illi t-tigrif in dizamina sehh ghal diversi ragunijiet;

4.5. Illi ma jidhirx li l-atturi u l-kerrejja involuti hadu l-prekawzjonijiet kollha mehtiega biex jevitaw l-incident *de quo*;

4.6. Illi l-konvenuti m'ghandhomx jigu addossati bir-responsabilita` ghall-akkadut u ghad-danni sofferti mill-atturi;

4.7. Illi hu opportun li din il-procedura tigi konnessa mal-kawza Citazzjoni Numru 910/96 biex jigi evitat duplikazzjoni ta' provi u spejjez gudizzjarji;

5.0. Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata l-14 ta' Novembru, 1996, li permezz taghha l-konvenut Emanuel Attard eccepixxa s-segwenti:

5.1. Illi t-talbiet attrici huma infondati *stante* li mhux veru li l-mahzen tal-atturi ggarraf ghaliex waqa` l-fond numru 3 fuq indikat ghaliex dan kien mghobbi;

5.2. Illi dan il-mahzen numru 3 waqa` ghaliex sparat parti mill-hajt divizorju tal-mahzen ta' l-atturi peress li ma sarlux ilqugh;

5.3. Illi ghalhekk il-konvenut Attard mhux responsabbli ghad-danni mill-atturi;

5.4. Illi minflok, huma l-atturi li huma responsabbli ghad-danni sofferti minnhu;

6. Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-istess konvenut Attard datata wkoll l-14 ta' Novembru, 1996, (ara foll 16);

7.0. Rat id-digriet taghha diversament preseduta datata it-3 ta' Marzu, 1997, li permezz tieghu, (ara foll 18):

7.1. Iddikjarat li din il-kawza hi konnessa ma' kawza ohra u iddifferiet l-istess biex tinstema` maghha;

7.2. Innominat perit tekniku;

8. Rat ir-rikors datat is-7 ta' Marzu, 2001, li permezz tieghu, ghar-ragunijiet hemm esposti, talbu li jinhatru kuraturi, (ara foll 45);

9. Rat id-digriet ta' din il-qorti diversament preseduta datata il-21 ta' Novembru, 2011, li permezz tieghu, cahdet it-talba indikata fil-paragrafi precedenti, (ara foll 54);

10. Rat ir-rikors tal-atturi datat l-20 ta' Settembru, 2002, li permezz tieghu regghu intalbu li jkunu nominati kuraturi biex jirrapprezentaw lill-mejjet Emanuel Attard, (ara foll 58);

11. Rat id-digriet taghha diversament preseduta datat it-2 t'Ottubru, 2002, li permezz tieghu laqghet it-talba u hatret lill-kuraturi hemm indikati, (ara foll 60);

12. Rat id-digriet ta' din il-qorti diversament preseduta datat it-30 ta' Gunju, 2004, li permezz tieghu, ghar-raguni hemm indikata, ordnat li din il-kawza tinstema` kontestwalment mal-kawza citazzjoni numru 2277/96, (ara foll 72);

13. Rat id-digriet ulterjuri ta' din il-qorti diversament preseduta datat il-5 t'Ottubru, 2005, li permezz tieghu, wara talba appozita, iddifferiet il-kawza biex tinstema` mal-kawza citazzjoni numru 910/96, (ara foll 80);

14. Rat id-digriet taghha diversament preseduta datat il-31 ta' Mejju, 2011, li permezz tieghu irrevokat l-inkarigu precedentement moghti lill-perit tekniku nominat u issosstitwietu b'perit tekniku iehor kif hemm indikat, (ara foll 152);

15. Rat ir-relazzjoni peritali datata l-4 ta' Gunju, 2013, ipprezentata in atti fid-9 ta' Lulju, 2013, (ara foll 162);

16. Rat id-digriet taghha kif preseduta datat il-5 ta' Frar, 2014, li permezz tieghu, fuq talba tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet, awtorizzat lill-istess biex jittrattaw il-kawza bil-modalita` hemm indikata, (ara foll 191);

17. Semghet l-eskussjoni tal-perit tekniku, (ara foll 192);

18. Rat in-nota ta' kritika tal-atturi datata it-22 t'April, 2014, (ara foll 195);

19. Ezaminat id-dokumenti esebiti;

20. Semghet ix-xhieda mressqa quddiemha;

21. Semghet it-trattazzjoni orali tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

22.0. Illi l-perit tekniku fuq riferit sintetikament irrelata bil-mod segwenti:

22.1. Illi d-deskrizzjoni tal-imhazen in dizamina hi riprodotta a (foll 170 sa 172), u jirrizultaw li huma:

22.1.1. Imsaqqfa bix-xorok tal-franka fuq hnejjiet tal-gebel;

22.1.2. Illi l-mahzen numru 1 hu imsaqqaf in parti bi travi tal-hadid u in parti b'ohrajn tal-injam, (ara foll 171), u fih kienu jinzammu oggetti tal-ikel tas-socjeta` *Primrose Poultry Products Limited*;

22.1.3. Illi l-mahzen numru 3 kien jigi fuq dak numru 1 u kellu access minn tromba ta' tarag, (ara foll 171), u fih kien jinhazen l-*iscrap*;

22.1.4. Illi l-mahzen numru 3 kellu xi kmamar u bejt fuq il-mahzen numru 4 mikri ukoll ghand *Primrose Poultry Products Limited*, (ara foll 171);

22.1.5. Illi l-kollass in dizamina kien precedut minn ohrajn simili li jmorru lura ghall-1964, (ara foll 172);

22.1.6. Illi *di piu`*, aktar minn sentejn qabel il-kollass in dizamina, allura fl-1994, diga` kien hemm indikazzjoni ta' movimenti fil-bini u nonostante dan, is-socjeta` *Primrose Poultry Products Limited* xorta baqghet tahzen il-merkanzija taghha fl-istess mahzen, (ara foll 174);

22.1.7. Illi mahzen numru 1 ghandu lil dak numru 4 fuq ix-xellug u lil dak numru 49 fuq il-lemin, u hu msaqqaf bi hnejjiet kbar tal-gebel bix-xorok tal-franka fuqhom, (ara foll 177);

22.1.8. Illi mal-hitan divizorji m’hemmx pilastri, (ara foll 178);

22.1.9. Illi allura l-hnejjiet kienu jezercitaw certu forza laterali fuq il-hitan divizorji, (ara foll 178);

22.1.10. Illi l-forza laterali *de quo* kienet qed tigi milqugha mill-hnejjiet simili adjacenti, (ara foll 178);

22.1.11. Illi allura kif ikkollassa il-mahzen numru 47 fl-1964, kien hemm *“rippling effect”* bil-konsegwenza li fl-1994 ikkollassa l-mahzen adjacenti numru 49, filwaqt li fl-1996 sehh il-kollass in dizamina, (ara foll 178);

22.1.12. Illi *di piu`*, il-hitan divizorji kienu f’kundizzjoni hazina billi fihom kien jipperkola l-ilma, (ara foll 178), fejn partijiet sostanzjali fin-naha t’isfel taghhom kienu wkoll immermra, (ara foll 178);

22.1.13. Illi ma jirrizultax li saru xi xogholijiet strutturali rimedjali biex jaghmlu tajjeb ghall-ewwel mahzen li ikkollassa, (ara fol 178);

22.1.14. Illi kien biss wara l-kollass tal-1996, u allura wara tlett (3) kolassi, (1964, 1994 u 1996), li ittiehdu xi mizuri, (ara foll 179);

22.1.15. Illi l-piz tal-merkanzija t'Attard fil-mahzen numru 3 fis-sular ta' fuq ezercita piz vertikali fuq il-hnejjiet pero` dawn "ma jahtux unikament ghall-kollass in kwistjoni, (ara foll 180);

22.1.16. Illi l-kollass in dizamina "sehh biss wara li kkollassa il-mahzen adjacenti", (ara foll 180);

22.1.17. Illi hi l-fehma tal-istess espert tekniku nominat li l-imhazen kollha in dizamina ghandhom jigu demoliti u mibnija mill-gdid, (ara foll 181);

Ikkunsidrat:

23.0. Illi tenut kont tal-kostatzzjonijiet fuq elenkati l-istess espert tekniku nominat wasal ghas-segwenti konkluzjonijiet:

23.1. Illi l-incident tal-21 ta' Frar, 1996, sehh primarjament wara li l-hnejjiet tal-mahzen numru 1 spiccaw minghajr sostenn wara l-kollass tal-mahzen adjacenti li sehh sentejn qabel u dan, tenut kont ukoll tal-fatt li l-hajt divizorju kien f'kundizzjoni hazina, u inkluz il-piz tal-iscrap fuq riferit, (ara foll 182);

23.2. Illi rigward id-danni rikjamati ma gew imressqa l-ebda provi fir-rigward, (ara foll 182);

23.3. Illi l-konvenuti *B. Tagliaferro & Sons Limited* u Francis u Maria konjugi Zammit saru jafu bis-sitwazzjoni biss wara l-incident, (ara foll 182);

23.4. Illi dwar l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut Attard jirrizulta:

23.4.1. Illi l-kawza principali tal-kollass in kwistjoni kienu l-incidenti li kienu sehhew snin qabel, (ara paragrafu numru wiehed u ghoxrin, punt wiehed, punt hdax, (21.1.11.), aktar qabel), (ara foll 183);

23.4.2. Illi l-atturi ma hadu l-ebda mizura biex jevitaw l-incident in dizamina, (ara foll 183);

Ikkunsidrat:

24. Illi wara li akkuratament ezaminat ir-relazzjoni peritali sottomessa mill-espert tekniku fuq riferit, din il-qorti ma ssib xejn x'tincensura fir-rigward u ghalhekk taghmel taghha l-istess konklusjonijiet li wasal ghalihom l-espert fuq riferit;

Ikkunsidrat:

25.0. Illi ghalhekk l-analisi suespost ghandu jwassal ghas-segwenti:

25.1. Illi l-kollass tal-mahzen in dizamina hu dovut ghall-inkurja tal-atturi li sahansitra sa mill-1964, meta sehh l-ewwel kollass, injoraw ghal kollox is-sitwazzjoni;

25.2. Illi konsegwentement ir-responsabbilita` tal-akkadut tistrieh kompletament fuqhom;

25.3. Illi addirittura s-socjeta` konvenuta *B. Tagliaferro & Sons Limited* ma kienitx involuta fir-rigward, u saret taf bis-sitwazzjoni wara li kien tard wisq;

Ikkunsidrat:

26.0. Illi in vista tal-premess din il-qorti hi sodisfatta li l-atturi ma ipprovawx il-kaz taghhom skont il-ligi, u konsegwentement:

**DECIDE:**

26.1. Filwaqt li takkolji l-eccezzjonijiet kollha sollevati mid-diversi konvenuti fuq indikati;

26.2. Tirrespingi t-talbiet tal-atturi;

26.3. Bl-ispejjez kontra l-atturi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------